DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2023/613

tal-14 ta' Marzu 2023

dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) (EUCAP Sahel Mali/1/2023)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/219/PESK tal-15 ta' April 2014 dwar il-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 7(1) tad-Deċiżjoni 2014/219/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali), inkluż id-deċiżjoni tal-ħatra ta' Kap tal-Missjoni.

(2) Fit-8 ta' Diċembru 2020, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/2199 ([2]) li ħatret lis-Sur Hervé FLAHAUT bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Mali mill-1 ta' Jannar 2021.

(3) Fl-10 ta' Jannar 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/96 ([3]) li testendi l-mandat ta' EUCAP Sahel Mali sal-31 ta' Jannar 2025.

(4) Fl-20 ta' Frar 2023, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-ħatra tas-Sur Peter KOLDING bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EUCAP Sahel Mali sal-31 ta' Jannar 2024,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Peter KOLDING huwa b'dan maħtur Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) mill-11 ta' April 2023 sal-31 ta' Jannar 2024.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-11 ta' April 2023.

([1]) ĠU L 113, 16.4.2014, p. 21.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2020/2199 tat-8 ta' Diċembru 2020 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) (EUCAP Sahel Mali/2/2020) (ĠU L 434, 23.12.2020, p. 54).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/96 tal-10 ta' Jannar 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2014/219/PESK dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea f'Mali (EUCAP Sahel Mali) (ĠU L 8, 11.1.2023, p. 2).

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2023.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
D. PRONK